# LID-DMUGĦ

*Ta'* Manwel Cassar

Naħilfu li ħabbejtek, Dmugħ ħarkieni,
Meta lmaħtek tirtogħ'd fl-għajnejn ħamrana
Ta' ħarġa ward li kiber ġewwa ġnieni
Għax int leħimtni biex indomm il-għana.

Darb'oħra għasartli qalbi matul żmieni
Xħin rajtek tnixxi mill-għajnejn kaħlana
Ta' sabi ltim li sab ruħu waħdieni
Għall-ewwel darba f'ġenn il-ħajja tagħna.

Darb'oħra ġgħaltni nħoss ftit gost ta' ħlewwa
Xħin rajtek tilma fil-għajnejn miksura
Ta' tfajla li kissrulha l-pupa tagħha.

'Mma qatt ma ġgħaltni nħobbok hekk bis-sewwa
Daqs xħin f'wiċċi qattart bl-imħabba pura
Ta' dik li tħobbni sfiq u għad ngħix magħha.